# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 16 ta' Jannar, 2025.**

**Numru : 6**

**Rikors numru 206/2011/1 GM**

**Malcolm Mifsud**

**v.**

**Transport Malta u b'digriet tal-15 ta' April 2011 ġiet korretta għal Awtorità għat-Trasport f'Malta; Il-Kummissarju tal-Pulizija; Il-Korporazzjoni Enemalta u b'nota tal-10 ta' Marzu, 2015, is-Soċjetà Enemalta plc (C65836) assumiet l-atti ta' din il-kawża; u b'digriet tat-13 ta' Novembru, 2013 ġie kjamat fil-kawża l-Kunsill Lokali Floriana**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell tal-attur Malcolm Mifsud minn

sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-7 ta' Diċembru, 2021, li biha żammet lill-Kummissarju tal-Pulizija responsabbli fil-kwota ta' għoxrin fil-mija (20%) għall-inċident tat-22 ta' Jannar, 2009, li fih l-attur weġġa' serjament, u b'hekk ikkundannatu sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' sebat elef u seba' mitt ewro (€7,700), bl-imgħax legali u bl-ispejjeż tal-kawża, ħlief għal dawk tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, l-Enemalta plc u l-Kunsill Lokali Floriana, li ġew ikoll meħlusa milli jibqgħu aktar fil-kawża.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fl-1 ta' Marzu, 2011, l-attur Malcolm Mifsud stqarr li fit-22 ta' Jannar, 2009, huwa korra serjament waqt li kien qiegħed isuq mutur tal-Korp tal-Pulizija bħala Uffiċjal fit-Taqsima tat-Traffiku.

3. Fisser li l-inċident seħħ wara li l-mutur misjuq minnu żelaq fuq likwidu li kien imferrex fit-triq, bil-konsegwenza li spiċċa ħabat f'arblu tad-dawl u tar minn fuq il-mutur.

4. Ilmenta li l-uniformi li kien liebes, inkluż l-elmu li ġew mogħtija lilu mill-Kummissarju tal-Pulizija, ma kinux tajbin biżżejjed biex iħarsuh mill-ħsara kbira u mid-diżabbiltà permanenti li spiċċa ġarrab minħabba l-

inċident. Sostna li anke l-mutur li kien qiegħed isuq *«ma kellux il-performance mixtieqa»* u għalhekk ikkontribwixxa wkoll għall-inċident.

5. Kompla jgħid li t-triq li korra fiha lanqas ma kienet mibnija tajjeb u enfasizza li l-arblu tal-Korporazzjoni Enemalta, illum Enemalta plc, kien imqiegħed f'post perikoluż għas-sewwieqa.

6. Stqarr li b'konsegwenza tal-inċident huwa spiċċa biex ġarrab ġrieħi ta' natura tant serja li f'ħin minnhom kien anke f'xifer il-mewt.

7. Kemm fuq il-premessa li l-inċident seħħ tort tan-nuqqasijiet tal-konvenuti, kif ukoll fuq l-istqarrija li l-inċident ġab fuqu l-ħsara, fosthom danni attwali kif ukoll telf ta' qligħ, l-attur Malcolm Mifsud ressaq din il-kawża li biha talab lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-konvenuti jew min minnhom kienu unikament responsabbli għall-inċident tat-traffiku li ġara fit-22 ta' Jannar, 2009, fi Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana u għad-danni konsegwenzjali kif ukoll danni personali li ġarrab l-attur bħala riżultat tal-inċident;*
>
> *2. Tillikwida dawn id-danni okkorendo bl-opra ta' periti nominandi;*
>
> *3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallas lill-attur dawk id-danni li jiġu hekk likwidati kif fuq intqal flimkien mal-imgħaxijiet legali.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-istess konvenuti li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni u bl-ispejjeż ukoll tal-ittri interpellatorji numri 4831/2010, 4832/2010, 4833/2010.»*

8. Bi tweġiba maħlufa mressqa fid-29 ta' Marzu, 2011, il-Korporazzjoni Enemalta, illum Enemalta plc, wieġbet għal din il-kawża

billi ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1.Illi it-talbiet attriċi fil-konfront tal-Korporazzjoni esponenti huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante illi l-Korporazzjoni konvenuta mhijiex responsabbli għall-inċident riferit;*

*2. Illi kif ser jirriżulta mill-provi l-Korporazzjoni ma tista' ġġorr ebda responsabbiltà għal dan l-inċident u fil-fatt ma jirriżultax illi qatt kien hemm xi investigazzjoni dwar l-involviment tal-Korporazzjoni u minn dak li jirriżultalha hi lanqas biss issejħet biex tagħti l-verżjoni tagħha fl-Inkjesta Maġisterjali;*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, il-Korporazzjoni esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet rikorrenti bl-ispejjeż.»*

9. Min-naħa tagħha, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta ressqet it-tweġiba maħlufa tagħha fit-8 ta' April, 2011, u hemmhekk hija laqgħet għat-talbiet tal-attur b'dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi in linea preliminari u għal kull buon fini, skont il-**Kapitolu 499 tal-Liġijiet ta' Malta**, l-isem tal-Awtorità esponenti huwa l-Awtorità għat-Trasport f'Malta.*

*2. Illi in linea preliminari, l-Awtorità intimata m'għandha l-ebda relazzjoni ġuridika fil-konfront tar-rikorrenti Malcolm Mifsud u l-istess Awtorità intimata mhix il-leġittimu kontradittur tal-istess rikorrenti Malcolm Mifsud u għalhekk għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti u dana peress illi, kif ammess fir-rikors promotur, meta seħħ l-allegat inċident ir-rikorrenti ma kienx impjegat mal-istess Awtorità intimata u fil-fatt qatt ma kien impjegat mal-istess Awtorità. Għaldaqstant, l-Awtorità intimata qatt ma tista' tinstab responsabbli għal kwalunkwe danni kkawżati minħabba xi nuqqasijiet jew ommissjonijiet ta' min iħaddem lir-rikorrenti, bħala pereżempju l-provvediment tat-tip u kwalità ta' lbies jew ekwipaġġjament lir-rikorrenti fuq l-andament tax-xogħol tiegħu. Għal kull buon fini, għalkemm l-Awtorità intimata ma kienet involuta f'ebda inkjesta maġisterjali konċernanti dan il-każ, huwa rilevanti li ssir riferenza għall-proċess verbal tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti inkwirenti hekk ippreseduta mill-Maġistrat A. Micallef Trigona u datata 21 ta' Jannar 2010, fejn fost affarijiet oħra jingħad:*

*«...Pjuttost osservazzjoni f'postha hi dik li b'ilbies u ekwipaġġjament aħjar u aktar idoneju għal dan it-tip ta' xogħol kienu jiġu skansati bosta ġrieħi li sofra s-Surġent f'dan l-inċident. Menzjoni speċifika, iżda mhux unika, qiegħda ssir għall-elmu li jidher inadatt biex jagħti protezzjoni xierqa u adegwata kif spjegat fir-relazzjoni tal-espert tekniku Joseph Zammit. F'dan il-kuntest ir-responsabbiltà għandu jġorrha l-Kummissarju tal-Pulizija nonostante li mhux marbut mal-liġi dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol billi espressament eżentat minnha. Hija però l-fehma tal-inkwirenti li ċivilment r-responsabbiltà tiegħu tibqa' treġi aktar u aktar f'dan il-każ fejn jirriżulta li stante lbies inadegwat is-Surġent meritu l-inċident sofra ġrieħi f'geddumu li huma li kklassifikabbli bħala sfreġju.»*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u wkoll in linea preliminari, l-Awtorità intimata mhix il-leġittimu kontradittur u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti u dana peress illi t-triq fejn seħħ l-allegat inċident stradali mhix triq arterjali jew distributorja u għalhekk il-manutenzjoni u ż-żamma ta' din l-istess triq fi stat tajjeb u nadif ma jaqax taħt ir-responsabbiltà tal-Awtorità intimata.*

*4. Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost dina hija kwistjoni ta' casus.*

*5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-Awtorità intimata tirrespinġi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet miġjuba kontriha bħala kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jirriżulta aħjar waqt is-smigħ u t-trattazzjoni tal-kawża odjerna.*

*6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż.»*

10. Imbagħad bi tweġiba maħlufa oħra mressqa fil-11 ta' April, 2011, il-Kummissarju tal-Pulizija wieġeb għal din il-kawża billi qajjem dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi fl-ewwel lok u mingħajr preġudizzju, l-esponent jirrileva illi huwa prinċipju ben akkolt fil-ġurisprudenza tagħna illi biex tinstab responsabbiltà għad-danni, irid ikun hemm ness ta' kawżalità bejn il-fatt kolpuż u d-danni sofferti. Bl-akbar rispett, l-esponenti jeċċepixxi illi f'dan il-każ partikolari, il-causa prossima tal-inċident ma kinitx uniformi allegatament inadegwata, jew mutur li allegatament «ma kellux il-performance mixtieqa», iżda kienet kjarament naxxenti minn numru ta' fatturi oħra, u ċjoè likwidu jiżloq imferrex fit-triq, xita, kurvatura perikoluża u b'żieda ma' dan, negliġenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tar-rikorrent innifsu. Dawn il-fatturi kkolludew [sic!]*

*flimkien sabiex ħolqu sitwazzjoni fejn sfortunatament weġġa' gravi r-rikorrent, u dan kollu se jiġi muri sussegwentement tul il-kors ta' din il-kawża.*

*2. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva wkoll illi ġaladarba l-inċident mertu ta' din il-kawża ġara minħabba ċirkostanzi li kienu u huma għalkollox indipendenti mir-responsabbiltà tal-esponent innifsu, allura l-istess esponent ma għandux jinstab responsabbli għad-danni li sofra r-rikorrent kawża ta' dan l-inċident. Dan għaliex għalkemm huwa ġust il-prinċipju bażilari li min jikkawża ħsara bl-għemil tiegħu għandu jħallas għaliha, daqstant ieħor huwa inġust li wieħed jinstab responsabbli għal xi dannu li assolutament ma jkunx ġara bi ħtija tiegħu, bħalma hu f'dan il-każ partikolari mertu ta' din il-kawża.*

*3. Illi fi kwalukwe każ, dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrent qiegħed f'sitwazzjoni kemmxejn kontradittorja fil-preżent. Dan qiegħed jingħad għaliex ir-rikorrent għadu jokkupa l-istess kariga ta' surġent fit-Traffic Section fi ħdan il-Korp tal-Pulizija, u saħansitra dan baqa' jaħdem b'mod normali u jaħdem ukoll numru ta' sigħat overtime bħalma kien jagħmel qabel l-inċident. Di più, ir-rikorrent qatt ma talab li jiġi trasferit ġewwa taqsima oħra fi ħdan il-Korp u dan nonostante l-fatt li qiegħed jattribwixxi ħtija għal dan l-inċident lill-Kummissarju tal-Pulizija għax dan ma pprovdilux uniformi protettiva biżżejjed u mutur b'performance adegwata. Bl-akbar rispett hawnhekk l-esponent jirrileva illi ġialadarba r-rikorrent f'din il-kawża qiegħed jagħmel dawn it-tip ta' allegazzjonijiet, allura jsegwi li fil-preżent, dan qiegħed jesponi ruħu għall-periklu xjentement. Għalhekk, dejjem bl-akbar rispett, l-esponent huwa tal-fehma illi li kieku s-sitwazzjoni kienet gravi daqskemm pittirha r-rikorrent, u li kieku fir-realtà dan l-inċident ġie kkawżat proprju minħabba l-unformi jew minħabba l-performance tal-mutur, allura dan ma kienx jibqa' jaħdem fejn hu qiegħed, iżda kien mal-ewwel jitlob li jiġi trasferit x'imkien ieħor fejn ma jkunx espost għal dan l-allegat perikolu partikolari.*

*4. Illi għalhekk, in vista tas-suespost, fil-mertu, it-talbiet u l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrent huma infondati fid-dritt u fil-fatt, u dan kif ser jiġi muri tul il-kors tal-kawża. Għaldaqstant, l-esponent qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talbiet attriċi fl-interità tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess attur.*

*5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.»*

11. B'digriet mogħti waqt seduta miżmuma fit-13 ta' Novembru, 2013 (f'paġna 113 tal-atti tal-kawża), l-Ewwel Qorti, fuq talba tal-attur (f'paġni 108-109 tal-atti tal-kawża), ordnat is-sejħa fil-kawża tal-Kunsill Lokali tal-

Floriana.

12. Bi tweġiba maħlufa mressqa fit-30 ta' Ġunju, 2014, il-Kunsill Lokali tal-Floriana laqa' għal din il-kawża b'dawn l-eċċezzjonijiet:

> *«1. Illi qabel xejn hemm lok għal korrezzjoni fl-isem tal-kunsill lokali sabiex minn 'tal-Furjana' jiġi jaqra 'Floriana' fl-okkju.*
>
> *2. Illi t-talbiet attriċi huma preskritti u dana ai termini tal-**Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta**.*
>
> *3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talbiet attriċi huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-eċċipjenti ma hi bl-ebda mod responsabbli għall-allegat inċident imsemmi fir-rikors ġuramentat u dana hekk kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*
>
> *4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talbiet attriċi huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-allegat inċident ġara 'l barra mill-konfini li jaqgħu taħt il-Kunsill Lokali Floriana.*
>
> *5. Salv eċċezzjonijiet oħra.»*

13. Aktar tard, b'sentenza mogħtija fis-7 ta' Diċembru, 2021, l-Ewwel Qorti qatgħet din il-kawża billi: (i) ħelset milli jibqgħu aktar fil-kawża lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta, lill-Enemalta plc, u lill-Kunsill Lokali Floriana; (ii) sabet lill-Kummissarju tal-Pulizija responsabbli fil-kwota ta' għoxrin fil-mija (20%) għad-danni mġarrba mill-attur b'konsegwenza tal-inċident inkwistjoni; (iii) illikwidat id-danni mġarrba mill-attur fl-ammont ta' sebat elef u seba' mitt ewro (€7,700) u kkundannat lill-istess Kummissarju tal-Pulizija sabiex iħallas lill-attur dak l-ammont, bl-imgħax legali mill-jum li fih ingħatat dik is-sentenza; u (iv) iddeċidiet li l-Kummissarju tal-Pulizija għandu jagħmel tajjeb kemm għall-ispejjeż tal-ittri interpellatorji bin-numri

ta' riferenza 4831/2010, 4832/2010 u 4833/2010, kif ukoll għall-ispejjeż kollha tal-kawża, ħlief għal dawk tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, tal-Enemalta plc u tal-Kunsill Lokali Floriana.

14. Il-konsiderazzjonijiet ewlenin li wasslu lill-Ewwel Qorti għal din id-deċiżjoni kienu dawn li ġejjin:

> *«Ikkunsidrat:*
>
> *Din hija kawża dwar korriment li ġarrab surġent tal-pulizija fis-sezzjoni tat-Traffiku f'inċident li seħħ waqt il-qadi ta' dmirijietu. Fit-22 ta' Jannar 2009, għall-ħabta tal-11.30am waqt li kien isuq il-mutur tat-tip Yamaha GVP 485 proprjetà tal-korp tal-pulizija, fi Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, direzzjoni lejn Marsamxett sabiex imur ġewwa l-Qrati ta' Malta, tilef il-kontroll tal-mutur, xkana mal-art u weġġa' gravi.*
>
> ***(2) Eċċezzjonijiet preliminari.***
>
> *It-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta: m'hemmx relazzjoni ġuridika u mhix leġittimu kontradittur.*
>
> *Jirriżulta li Triq l-Assedju l-Kbir, fejn seħħ l-inċident, ma taqax taħt ir-responsabbiltà tal-Gvern Ċentrali u ċjoè tal-Awtorità konvenuta għaliex la hija triq arterjali u lanqas distributorja u għalhekk taqa' taħt il-kompetenza tal-Kunsilli Lokali, li għalhekk huma responsabbli għall-manutenzjoni tagħha.*
>
> *Il-Kunsill konvenut apparti li qed jargumenta illi t-triq inkwistjoni ma taqax taħt il-konfini tiegħu iżda taqa' mal-Belt Valletta, qed jeċċepixxi li l-azzjoni attriċi hi preskritta bi skadenza ta' sentejn skont l-**Artikolu 2153** li jippreskrivi perjodu ta' sentejn għal danni mhux derivanti minn reat kriminali.*
>
> *It-triq fejn seħħ l-inċident hu responsabbli minnha xi Kunsill Lokali u mhux Trasport Malta billi la hi triq arterjali u lanqas distributorja. Uffiċjal ta' Trasport Malta xehed li ma jafx hux il-Kunsill Lokali tal-Floriana inkella tal-Belt, għalkemm mill-pjanti li esebixxa, jidher li tappartjeni għall-Kunsill tal-Belt. Jirriżulta minn xhieda u dokumenti uffiċjali prodotti mill-Kunsill Lokali tal-Floriana li t-triq inkwistjoni taqa' taħt il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ai termini tal-**Kapitolu 363 tal-Liġijiet ta' Malta**. Għalhekk il-Kunsill tal-Floriana mhux leġittimu kontradittur. Stabbilit dan, m'hemmx lok li tiġi ttrattata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.*

***(3) Fatti:***

***(3.1) It-temp.***

*L-inċident seħħ fit-22 ta' Jannar 2009, għall-ħabta tal-11.40 a.m. skont ir-Road Accident Report, li jindika 11.40 a.m. bħala r-report time kif ukoll l-incident time. Skont wieħed mill-pulizija li ltaqgħu mal-attur ftit sekondi qabel l-inċident, il-ħin kien għall-ħabta tal-11.30 a.m. Kienet nieżla xita l-ġurnata kollha; mhux drizzle imma xita ħafifa. Niżlet fl-ikbar ammonti bejn nofsinhar u n-nofs siegħa (4.1 mtrs) u mbagħad bejn is-siegħa u s-sagħtejn niżlet 3.6 kull siegħa. Fil-5 a.m. għamlet 2.8 mtrs.(millilitres).*

***(3.2) Il-karreġġjata.***

*PC 1430 xehed li l-arblu li ħdejh waqaf il-mutur huwa fil-parti d-dritta tat-triq ftit qabel il-liwja. It-triq hija turtle back. Jgħaddu ħafna karozzi kuljum li jillixxaw it-triq. U l-art ħġieġ. «Jiena kont skorta mal-President darba minnhom u fil-liwja l-mutur 'l hemm u jiena 'l hawn». Il-Perit Valerio Schembri m'għamel l-ebda eżami tekniku fuq il-wiċċ tat-triq.*

***(3.3) L-arbli.***

*Skont ix-xhieda tal-Inġinier Christopher Bonnici, Inġinier tal-Enemalta fid-Distrett tal-Belt, l-unika proċedura dwar it-twaħħil tal-arbli tad-dawl kienet li ma jitwaħħlux fil-karreġġati imma fuq il-bankini. Ma kienx hemm xi distanzi partikolari stabbiliti.*

*Maġenb in-naħa tat-triq fejn kien isuq l-attur hemm tliet arbli li l-Perit Valerio Schembri mmarka bl-ittri I, J u K. It-tliet arbli qegħdin fuq il-bankina fuq ix-xellug tat-triq. It-triq bejn it-tliet arbli hija dritta u għan-niżla fid-direzzjoni tal-Belt Valletta. Fit-triq hemm liwja lil hinn mill-arblu 'I'. It-triq għandha żewġ karreġġati; waħda li tagħti fid-direzzjoni tal-Belt Valletta u l-oħra fid-direzzjoni tal-Floriana. L-iskid marks qegħdin kollha fuq l-ewwel karreġġata. L-istess pjanta turi skid marks fl-art li jibdew bejn wieħed u ieħor f'nofs id-distanza bejn arblu K u arblu J. Huma fuq it-tarmak, ċjoè fil-karreġġjata u mhux fuq il-bankina. Għall-bidu hemm tliet skid marks parallelli, imbagħad l-iskid mark tan-nofs tispiċċa u jibqa' żewġ skid marks press-a-poko wkoll paralleli. Iż-żewġ skids mhumiex dritti iżda jilwu lejn ix-xellug tat-triq u jitbiegħdu minn xulxin, b'mod li bejn wieħed u ieħor f'nofs id-distanza bejn arbli J u I, l-iskid tax-xellug titla' u f'distanza qasira terġa' tinżel minn fuq il-bankina. Imbagħad iż-żewġ skid marks jerġgħu joqorbu lejn xulxin u jkomplu l-iter tagħhom fuq il-karreġġata sal-point of rest tal-mutur 2.36 metri qabel ma jintlaħaq l-arblu. L-iskid marks jindikaw mutur miexi mal-assi tat-triq huwa u beda jitkaxkar, dar kartabun mal-istess assi u rikeb in parti fuq il-bankina, imbagħad reġa' beda jdur lejn l-assi tat-triq, sakemm temm l-itinerarju tiegħu skuntrat fuq il-karreġġata kif jidher fl-iskizz tal-perit Valerio Schembri.*

*L-ebda arblu ma ġie rrapportat li kellu xi ħsara. Għalkemm fir-rapport tal-*

*pulizija hemm imniżżel li l-attur ħabat m'arblu, il-pulizija li kienu f'karozza ssuq fid-direzzjoni opposta tal-attur ma rawx il-ħabta. L-attur a tempo vergine ma stqarrx li l-mutur (jew hu) ħabat ma' xi arblu. Fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2018 l-attur stqarr li ma jiftakar xejn mill-inċident minn meta beda jiswervja l-mutur. Meta xehed fil-5 ta' Frar, 2009, fl-atti tal-inkjesta, xehed li apparti li jiftakar il-mutur jiswervja u li t-triq kienet imxarrba, ma jiftakar xejn iktar. Għalhekk it-testimonjanzi sussegwenti tiegħu tal-15 t'April 2009 u tas-27 ta' Ġunju 2011 għandhom jittieħdu fid-dawl tal-ewwel testimonjanza tiegħu. Fl-affidavit tas-27.06.2011 stqarr li «naf li l-mutur telaq minn taħti u lili tefgħani bil-konsegwenza li rmieni u spiċċajt b'impatt qawwi ġo arblu». Il-Perit Valerio Schembri xehed li ma kellu ebda ħjiel li l-mutur (jew l-attur) ħabat ma' xi arblu. Iktar minn hekk, l-attur innifsu in kontroeżami qabel li l-mutur ma ħabat ma' l-ebda arblu. Iż-żewġ pulizija li għaddew minn maġenb l-attur ftit sekondi qabel l-inċident rawh jiskiddja iżda la rawh jitkaxkar u wisq inqas jaħbat ma' xi arblu.*

*Skont waħda mill-verżjonijiet tal-attur, huwa tar minn fuq il-mutur u ħabat mal-arblu; u li mal-impatt mal-arblu l-elmu nqala' u spiċċa 13-il metru lura. Skont PC 1430 Alexander Mizzi, li aċċeda fuq il-post ftit minuti wara, ma jiftakarx kemm kien bogħod l-elmu iżda kien iktar minn 3 metri bogħod. L-iskizz tal-Perit Valerio Schembri juri li l-helmet kien eżatt fejn bdew li scratch marks, jiġifieri 50 metru 'l bogħod. Il-pożizzjoni tal-elmu turi li spiċċa mal-art appena l-mutur inqaleb, u mhux wara li l-attur tar minn fuq il-mutur u ħabat ma' xi arblu. Min-naħa l-oħra, mhux verosimili li l-elmu jaħbat mal-arblu u bl-impatt itir ħamsin metru lura.*

*L-iskizz tal-Perit Valerio Schembri ma jurix fejn spiċċa l-attur wara l-ħabta; milli jidher għaliex l-attur kien diġà tneħħa minn fuq il-post u ttieħed l-isptar bl-ambulanza. B'danakollu, is-surġent Patrick Pisani xehed li l-attur kien madwar 4 metri 'l fuq mill-mutur filwaqt li l-elmu kien saħansitra iktar 'il fuq. «Kien sew 'l isfel minnu l-mutur; għax hemmhekk jiġifieri għan-niżla eh, tinsiex!».*

*Huwa iktar kompatibbli mar-res gestae li l-attur inbeżaq minn fuq il-mutur għal fuq it-tarmak filwaqt li l-mutur baqa' nieżel ftit metri oħra sakemm spiċċa 2.36 metri qabel l-arblu 'l' milli li l-attur inqala' minn fuq il-mutur fil-point of rest tiegħu, ħabat mal-arblu, u tar lura iktar minn 6 metri. Il-mutur kien qiegħed jitkaxkar mal-art, mhux jinstaq; anke l-attur kien qiegħed jitkaxkar mal-art. Għalhekk ma jistax ikun li ħabat mal-arblu u bid-daqqa tar lura b'mod li skapula l-mutur. F'din l-ipotesi kien jispiċċa mwaħħal mal-mutur.*

***(3.4) Likwidu jiżloq fl-art.***

*Dakinhar tal-inċident kienet ġurnata b'xita kontinwa u takkumula bin-nofs ta' nhar ta' filgħodu jinżel ammont sostanzjali. Il-lejl ta' qabel kienet xita wkoll. L-attur, waqt l-inkjesta Maġisterjali stqarr illi kien hemm xi likwidu jiżloq mifrux fit-triq, għalkemm huwa ma nnutaħx. Il-mutur beda jiswervja minn wara. Waqt l-ġbir tal-provi fl-inkjesta maġisterjali ġie maħtur PC6 Duncan Demicoli sabiex jieħu ritratti. Fost ir-ritratti li ħa, hemm sett li juru*

*xi tixrid ta' fjuwil fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Dan il-fjuwil kien faċċata tal-arblu li miegħu ġie allegat li sar l-impatt. PC1430 Alexander Mizzi, li kien l-ewwel li mar fuq il-post, innota illi l-art kienet tiżloq minħabba xi ilma jew sapun u kien hemm ukoll qisu kuluri mal-art fejn kien jiżloq.*

*Il-Perit Valerio Schembri li kien tqabbad bħala espert fl-Inkjesta Maġisterjali kiteb fir-rapport tiegħu illi waqt il-ħin tal-aċċess kienet xita kontinwa u fit-triq inkwistjoni kien hemm ħafna żlieq. F'dawn il-proċeduri jixhed illi t-tarmac huwa li hu u jaf ikun jiżloq peress li kienet ix-xita dakinhar tal-inċident. Ma jsemmi xejn dwar likwidu li jiżloq fit-triq.*

***(3.5) Il-mutur.***

*Rigward il-mutur, dan ġie ċċekkjat, il-ħsarat li ġarrab kienu mill-inqas u fi ftit ġranet ġie msewwi. Skont il-motor history juri li l-mutur kellu tyres ġodda li kienu għadhom kemm ġew mibdula, inbidlulu l-breakpads xahrejn qabel l-inċident. Dan il-mutur qatt ma ġie rappurtat b'xi difett. L-attur jixhed waqt l-Inkjesta Maġisterjali illi dak il-mutur kien ilu jużah sena u qatt ma kellu l-iċken inċident bih. Wara dan l-indiċident il-mutur baqa' jintuża'.*

***(3.6) L-uniformi tal-attur.***

*Il-pulizija biddlet l-uniformijiet fil-2013 wara li kienet ilha tipprova mis-sena 2008 minħabba n-numru żgħir li kellha bżonn. L-uniformi tal-Pulizija hija kollha l-istess iżda skont is-sezzjoni li tkun fiha hemm extras. Fil-każ tal-Pulizija fis-sezzjoni tat-traffiku jkollha boots u mhux żarbun normali, crash helmet, water proof trousers għax-xitwa u ingwanti. Il-crash helmet għalkemm jgħatti r-ras kollha, mhuwiex wieħed li jgħatti l-wiċċ kollu. Rappreżentant tal-pulizija jgħid illi bħala helmet huwa standard.*

*Fix-xhieda tiegħu tal-Assistent Kummssarju Sandro Zarb jgħid li l-elmu tal-marka Nitro flimkien mal-muturi li kienu jintużaw mis-sezzjoni tat-Traffiku kollha kienu konformi mal-istandards Ewropej fiż-żmien tal-inċident. Ma ġiex kontradett f'dan ir-rigward. Lill-mutur kienet issirlu general service kull sena. Kull filgħodu kellu jiġi spezzjonat mis-sewwieq tiegħu.*

***(3.7) Il-crash helmet.***

*Waqt l-inkjesta maġisterjali, l-espert Joseph Zammit ħejja rapport dwar il-helmet li kien liebes l-attur waqt l-inċident. Huwa forma magħrufa bħala half face. Jgħid illi sabu bla ħsara fuq il-parti frontali tiegħu. Sablu brix li jindika tkaxkir u l-parti fejn jitwaħħal is-sun visor spustjata. Biċ-chain strap sħiħa u ċjoè mhix maqtugħa, u fi stat funzjonabbli. Il-qies tal-helmet tiffittja ras l-attur. Meta libbes dan il-helmet fuq l-attur sab li meta jimbuttah minn taħt, il-helmet joħroġ b'konsegwenza li c-chain strep tagħmel forza. Fil-fatt kaġun ta' din il-forza, l-attur kellu tiċrita u għandu l-punti. Għalkemm il-qfil tiegħu jkun fuq il-massimu meta l-imsemmi crash helmet ikun milbus u ssikkat, jekk dan jintrefa' bil-forza tal-idejn*

*mill-parti ta' wara tiegħu, dan jimxi 'l quddiem b'mod li dan ikun jista' joħroġ minn quddiem u bl-istess ssikkar taċ-ċinga jħalli marka jew ferita taħt il-geddum. Li jfisser li l-elmu ma kienx jiġi eżatt lill-attur tant li nqala' bit-tkaxkir tal-mutur iżda mhux qabel laħaq weġġa' lill-attur taħt geddumu.*

*L-attur spiċċa fl-art bil-ħwejjeġ imxarrbin u mqattgħin. Dak iż-żmien, il-pulizija ma kinux jilbsu protective foaming. Ilbies hekk attrezzat beda jingħata biss fi Frar 2014; ħames snin wara l-inċident. Mario Tonna, Senior Inspector xehed li kien ilu jipprova jikseb l-uniformijiet ġodda «biex inbiddlu l-uniformijiet ta' protezzjoni lejn is-sewwieqa tal-muturi» sa mis-sena 2008 u ċjoè s-sena kalendarja ta' qabel l-inċident. Dan billi l-ammont ta' 50 uniformi kien wisq żgħir biex jiġi supplit minn kumpanniji li jbigħuhom b'ordijiet ta' eluf. L-ispettur Silvio Magro xehed li l-pulizija tat-traffic ikollhom boots apposta, crash helmet, water proof trousers iżda, «mistoqsi jekk barra dawn l-extras li semmejt, jekk hemmx xi protective foaming li jilbsu l-pulizija tat-traffiku ngħid li xejn.»*

***(3.8) Veloċità tal-attur.***

*Kemm waqt l-Inkjesta Maġisterjali kif ukoll f'dawn il-proċeduri, l-attur jisħaq illi kien għaddej bil-mod ħafna u li żgur ma kienx jaqbeż l-għoxrin kilometru fis-siegħa. Ix-xhieda Pisani u Aquilina jixhdu wkoll li kien nieżel bil-mod tant li wieħed minnhom ra l-ispokes tar-rota tal-mutur. Pisani jgħid li kien «a very moderate speed għalija.» Aquilina jsemmi veloċità ta' madwar 30-40 kms.*

*Ikkontroeżaminat b'mod ferm isserrat minn Dottoressa Roma D'Alessandro l-attur m'għarafx jgħid b'liema veloċità kien għaddej meta seħħ l-inċident, għalkemm isostni li ma kienx għaddej b'iktar minn 20 kilometru fis-siegħa. Jgħid ukoll li skont id-data track kien miexi biss 16-il kilometru fis-siegħa – ħaġa li iżda mhux veru tirriżulta.*

*Ir-rapport maħruġ minn fuq is-sistema ta' GPS tracking li għandu kull mutur tal-Pulizija, juri li meta seħħ l-inċident, l-attur kien qed isuq bil-57 kilometru fis-siegħa. Il-moviment tal-mutur huwa reġistrat kull minuta. Dan l-ispeed iżda huwa rreġistrat waqt li l-attur kien qiegħed isuq fil-Mall, il-Floriana; ħin: 10.26.36. Id-distanza misjuqa mill-bidu tal-vjaġġ kienet 16.31 kms. Minn hemm daħal fi Triq l-Assedju l-Kbir (li korrettement, il-GPS jimmarka bħala "Valletta"). Il-minuta ta' wara; ħin 10.27.36, l-ispeed kien żero. Id-distanza mill-bidu tal-vjaġġ kienet 16.72 kms. Għalhekk, meta l-mutur waqaf fil-point of rest tiegħu, f'temp ta' minuta l-attur kien mexa (bejn sewqan u tkaxkir) 0.41 kms. Li jfisser 24.6 kilometri fis-siegħa. Issa huwa minnu li parti minn din id-distanza (50 metru minn 1000 metru) ma saqhiex; iżda dan m'għandux jeffettwa wisq dan il-kalkolu, li huwa wieħed oġġettiv, xjentifiku, u, preżubbilment preċiż (accurate) u żgur mhux influwenzat mill-esprit de corps taż-żewġ pulizija msemmija jew mill-interess jew bias personali tal-attur. Dan jikkorrobora l-verżjoni ta' Pisani u Aquilina kif ukoll dik tal-attur. Li jfisser li jirriżulta li l-attur kien qiegħed isuq b'mod prudenti, u kien tassew qiegħed jaddatta*

*s-sewqan tiegħu għaċ-ċirkostanzi tat-temp li kien jinstab fihom. Huwa minnu li jirriżulta li l-attur ma kienx sewwieq li kellu rekord mill-aħjar ta' sewqan – saħansitra anke wara dan l-inċident – u li dan seta' jtappan il-kredibbiltà tal-attur; iżda dak li jgħodd huwa s-sewqan fil-post u fil-ħin tal-inċident.*

***(4) Determinazzjoni tal-kawża u tar-responsabbiltà għall-inċident.***

*Il-kawża ewlenija tal-inċident jidher li kien xi żejt, diesel, jew likwidu ieħor li kien hemm fuq il-wiċċ tal-karreġġata u li, imħallat max-xita li niżlet, wasslet lill-attur biex jitlef il-kontroll tal-mutur u jixkana distanza konsiderevoli, bejn minħabba l-istess żlieq kif ukoll billi t-triq hemmhekk kienet għan-niżla. Mhux magħruf min jaħti għat-tqegħid tal-likwidu fit-triq. Jirriżulta iżda li b'elmu u lbies ieħor protettiv aħjar, l-attur kien probabbilment isofri inqas danni. Din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-inkjesta maġisterjali illi l-attur ma kellu ebda tort u l-inċident, li:*

> *«seħħ minħabba skiddjar totalment barra l-kontroll tas-Surġent li kellu biss l-isfortuna li kien qiegħed jittransita dik it-triq waqt li kien fuq xogħlu f'temp li kien bix-xita u t-triq imżellġa b'xi likwidu aktarx diesel li però ma kienx osservabbli minħabba li t-triq kienet imxarrba bix-xita. Pjuttost osservazzjoni f'postha hi dik li b'ilbies u ekwipaġġament aħjar u aktar idonju għal dan it-tip ta' xogħol kienu jiġu skansati bosta ġrieħi li sofra s-surġent.... F'dan il-kuntest ir-responsabbiltà għandu jġorrha l-Kummissarju tal-Pulizija nonostante li mhux marbut mal-liġi dwar Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol billi espressament eżentat minnha. Hija però l-fehma tal-Inkwirenti li ċivilment r-responsabbiltà tiegħu tibqa' treġi aktar.»*

*B'danakollu, il-Kummissarju tal-Pulizija jaħti biss bir-rata ta' 20 fil-mija billi l-kundizzjoni tat-triq, li tagħha m'huwiex responsabbli, ċertament kienet il-fattur ewlieni li ta lok għall-inċident.*

***(5) Likwidazzjoni tad-danni.***

*<u>Damnum Emergens</u>*

*Għal dak li jirrigwarda d-damnum emergens, l-attur ressaq numru ta' irċevuti li jikkonsistu f'irċevuti ta' tobba bil-valur komplessiv ta' €920.*

*Illi l-attur qed jitlob ukoll kumpens tar-rata doppja tal-Ħdud, festi u festi pubbliċi bħala parti mis-shift tiegħu li tilef meta kien assenti mix-xogħol. Dawn jammontaw għal 224 siegħa ekwivalenti għal €2,362.06. L-attur dam ma jmurx għax-xogħol mit-22 ta' Jannar 2009 sat-13 ta' Settembru, 2009, però qatt ma kien hemm tnaqqis fil-paga bażika tiegħu. Kien għamel talba biex jitħallas tas-Sibtijiet u Ħdud li għamel barra iżda dan ġie rifjutat għax ma jiġux klassifikati bħala allowances taħt l-Public Service Management Code u ma kienx tħallas tagħhom. Fil-fehma tal-Qorti għalkemm l-attur ma ġabx provi uffiċjali ta' kemm jammontaw dawn is-sigħat ta' xogħol, l-ammont mitlub mill-attur hi ċifra raġonevoli. Hu fatt magħruf li min jaħdem il-Ħdud u l-festi jirċievi ħlas extra. Għalhekk ser jiġu kkunsidrati fil-ħlas li jrid isir mill-konvenut. Għalhekk taħt dan ir-ras*

*ta' danni, tirriżulta dovuta s-somma ta' €3,282.06.*

*Lucrum Cessans*

*Illi huwa indiskuss illi f'każijiet konsimili l-prinċipju konsegwit hu dak tar-restitutio in integrum, fis-sens illi l-iskop tal-ħlas tad-danni huwa dak li terġa' tpoġġi lil min ikun soffrihom fil-pożizzjoni daqslikieku huwa ma ġralu xejn. Naturalment huwa ferm iktar faċli li ssir il-prova tad-danni emerġenti, iktar u iktar dawk li jkunu diġà seħħew sakemm l-attur iressaq il-provi tiegħu, milli dawk futuri, fosthom it-telf ta' qligħ previst. Fi kliem l-awtur* ***Giovanni Visintini*** *(**Trattato Breve della Responsabilità Civile**, Cedam 1996, paġna 512) kiteb hekk dwar il-likwidazzjoni tad-danni:- «In definitiva, il danno può sempre atteggiarsi come danno emergente e come lucro cessante e l'unica differenza tra i due elementi dal danno sta nella maggiore difficoltà di prova inerente al lucro cessante, con il risultato che questa figura di danno si presterà più faċilmente ad essere soggetta ad una valutazione equitattiva.»*

*Illi mill-provi jirriżulta li l-attur għalkemm kien hemm xi xhur li ma daħalx għax-xogħol huwa baqa' jokkupa l-istess kariga u saħansitra baqa' jaħdem anke wara l-età tal-irtirar tal-Korp tal-Pulizija minkejja l-ġrieħi li ġarrab. Tabilħaqq, il-kunċett ta' lucrum cessans hu suppost relatat mat-telf ta' qligħ li d-debbiltà ġġib fuq id-danneġġat. Tant hu hekk li l-**Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16)** jipprovdi li d-danneġġat għandu d-dritt li jirkupra wkoll «it-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib.»*

*Illi huwa minnu li madankollu l-Qrati qegħdin xorta jakkordaw danni lucrum cessans fejn l-attur ikun kompla jaħdem u jidher biċ-ċar li matul iż-żmien din l-interpretazzjoni twessgħet, fis-sens li dawn it-tip ta' danni jingħataw anke fejn id-danneġġat jibqa' fl-istess impjieg li kellu qabel l-inċident. Hekk pereżempju ġara fil-kawża fl-ismijiet **Edgar Gatt v. Oliver Theuma** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' April 1987 (Kollez. LXXI.ii.135) fejn il-Qorti ssottolinejat li «dik id-diżabbiltà permanenti tista' dejjem tkun ta' xkiel għalih fil-futur li jimmeljora l-pożizzjoni finanzjarja tiegħu, u kwindi għal din ir-raġuni huwa intitolat għad-danni li jista' jsofri bħala konsegwenza tagħha.» (Vide wkoll **Michael Balzan v. Lawrence Ciantar noe** - 17.02.2006, **Darren Sammut v. Eric Zammit** - 3.12.2004).*

*Il-Qrati tagħna addottaw dawn il-prinċipji bi tħaddim qawwi tal-prinċipju tal-ekwità. Il-liġi tagħna diġà ma tagħti l-ebda kumpens għad-danni morali f'każijiet bħal dawn u ċjoè ma tagħti l-ebda kumpens għall-uġigħ u skumditajiet li min isofri debbiltà permanenti neċessarjament jgħaddi minnhom. Lanqas tipprospetta kumpens għal dak li jirrigwarda n-nuqqas tal-kwalità ta' ħajja li min ikollu debbiltà permanenti neċessarjament ikollu jgħaddi minnha. B'hekk il-Qorti tkun qiegħda twettaq inġustizzja fir-rigward tal-vittma jekk ma' tagħtihx kumpens adegwat għad-dannu li sofra. Każijiet oħra huma **Susan Davies et v. Anthony Galea** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Noel Arrigo) fl-10 ta' Ottubru 1997*

*u* ***Joseph Caruana v. Joseph Gafà*** *deċiża fid-29 ta' Mejju 1998 mill-istess Qorti, fejn ukoll intlaqgħet talba għall-ħlas ta' danni minkejja illi d-danneġġat kien kompla b'xogħlu. F'dawn iż-żewġ sentenzi l-Qorti esprimiet il-perplessità tagħha dwar dak li jingħad fil-liġi u l-interpretazzjoni li kienet qiegħda tingħata mill-Qrati u ma naqsitx milli tikkritika s-sistema li kienet qiegħda tiġi addottata, u wasslet għall-konklużjoni li «fl-iżvilupp preżenti tal-ġurisprudenza tagħna huwa forsi neċessarju li l-bżonn ta' ċertezza u nuqqas ta' ambigwità jimponu teorija li teżiġi li kull tip ta' diżabbiltà permanenti twassal għat-telf futur fil-proporzjon tal-persentaġġ tagħha.»*

*Illi filwaqt li din il-Qorti mhix marbuta bid-duttrina tal-preċedent, ma tħossx li hemm raġuni impellenti sabiex tiddiskosta ruħha mill-ġurisprudenza anterjuri, anke għaliex xorta waħda tista' tirpoża d-deċiżjoni tagħha entro l-parametri artifiċjali posti mil-liġi tagħna f'dan ir-rigward. Parametri li mhux tassew iwasslu dejjem għar-restitutio in integrum. Dan għaliex, għalkemm il-ġrad ta' inkapaċità fiżika mhux bilfors jikkorrispondi għall-istess grad ta' inkapaċità industrijali, ossia l-kapaċità li wieħed jaqla' l-flus jew b'xi mod ieħor iżid ġidu permezz tal-ħidma lavorattiva – eżempju klassiku huwa dak li semma l-Kummissarju tal-Pulizija fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu — il-pjanista li jitlef sebgħajh iż-żgħir ta' idu x-xellugija imqabbel ma' bajjad li jitlef l-istess sebgħa u jkun right handed b'mod li dan it-telf xejn ma jfixklu f'xogħlu – b'mod ġenerali jista' jingħad li ż-żewġ forom ta' inkapaċità jikkorrispondu jew almenu jqarrbu lil xulxin. Ċertament ma jistax jingħad il-każ preżenti, li ma ġarax li l-inkapaċità fiżika tal-attur naqqaslu b'mod korrispondenti l-kapaċità li jaħdem u jaqla' l-għajxien tiegħu. Illi m'hemmx dubju li l-inċident tat-traffiku kellu impatt negattiv fuq il-ħajja tal-attur. Wara l-inċident dam tmien xhur barra x-xogħol. Kellu jsir intervent urġenti sabiex titneħħielu l-milsa u għandu bżonn jibqa' jieħu mediċina tul ħajtu kollha sabiex jagħmel tajjeb għat-telf ta' nuqqas ta' protezzjoni kontra infezzjonijiet. Għadu jilmenta minn sturdamenti, iħoss tvenvin fir-ras u tisfir fil-widna tax-xellug. Jgħid li għandu problemi bil-memorja. Jilmenta minn ostruzzjoni nażali u difformità f'imnieħru. Għandu ċikatriċi fuq imnieħru, fuq geddumu u fuq ix-xoffa ta' fuq.*

***Rata ta' diżabbiltà***

*Imiss li jiġi stabbilit il-persentaġġ ta' diżabbiltà li sofra l-attur bħala konsegwenza tal-inċident. L-attur ippreżenta tliet rapporti ex parte. Dr. Anthony Galea Debono fir-rapport tiegħu datat 7 ta' Settembru, 2010, attribwixxa rata totali ta' diżabbiltà ta 35%. Dr George Felice attribwixxa rata ta' diżabbiltà ta' 5% dwar problemi relatati mal-ENT f'rapport redatt fil-31 ta' Jannar 2010. U Mr Carmel Sciberras attribwixxa rata ta' diżabbiltà ta' 7% mil-lat ortopediku fil-15 ta' Lulju 2009.*

*<u>Diżabbiltà Newrologika</u>*

*L-espert mediku Dr Aquilina eżaminat lill-attur fit-28 ta' Jannar 2019 u kkonstatat li l-attur jilmenta minn strurdament li jkun agħar meta jgħolli*

*rasu. Iħoss tvenvin fir-ras u tisfir fil-widna x-xellugija. Iħoss uġigħ ta' ras meta jkun taħt stress. Jgħid li jkollu problema bil-memorja. Peress li tneħħietlu l-milsa, l-attur qed jieħu Peniċillin V 250mg BD. Għalhekk attribwixxiet 5% għal-disturbi minuri tal-ħsieb u sindrome post-konkussjonali b'rata ta' diżabbiltà ta' 2%. Attribwixxiet rata ta' diżabbiltà newroloġika totali ta' 7%.*

*Meta mistoqsija għaliex ma ħaditx weighted average, irrispondiet illi peress li n-numri huma żgħar ħafna, l-weighted average jiġi l-istess daqs li kieku tgħoddhom flimkien.*

*Diżabbiltà Ortopedika*

*L-espert mediku fil-qasam tal-Ortopedija, Mr Massimo Abela eżamina lill-attur fis-26 ta' Lulju 2019 u għalkemm l-attur ilmenta minn uġigħ intermittenti fil-parti ta' quddiem tas-sider u l-kustilji tax-xellug u wġigħ f'għonqu meta jitfa' rasu lura, minn eżami li għamel ikkonkluda li l-attur ma ġarrab l-ebda diżabbiltà permanenti mil-lat ortopediku.*

*Diżabbiltà fil-milsa*

*Illi fit-12 ta' Ġunju 2018, wara li eżamina u sema' l-ilmenti tal-attur, Mr Gordon Caruana Dingli kkonkluda illi peress li l-attur tneħħitlu l-milsa huwa suxxettibbli għal sepsis u anke ostruzzjonijiet intestinali minħabba adeżjonijiet wara l-operazzjoni. L-attur qed jieħu Penisillin tablets u dan jibqa' sejjer għat-tul sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' infezzjoni. Mr Caruana Dingli attribwixxa rata ta' diżabbiltà ta' 15%.*

*In eskussjoni Mr Caruana Dingli spjega li l-milsa tgħin fl-immunità għax tiġġieled l-infezzjonijiet jew mard li jista' jaqbad lil persuna. Fil-fatt meta jiġri hekk jingħataw ċertu tilqim lil pazjent flimkien ma' mediċina (Penisillin). Jispjega illi għax titneħħa l-milsa il-pazjent xorta jista' jibqa' jaħdem imma jkun aktar predispost li jaqbdu infezzjonijiet.*

*Diżabbiltà fl-imnieħer u fil-widnejn.*

*L-attur għadu jħoss ostruzzjoni nażali u għandu diformità f'imnieħru, kif ukoll tinnitus fil-widna tax-xellug u għalhekk l-espert mediku Mr Herman Karl Borg-Xuereb wara li eżamina lill-attur fil-11 ta' Ġunju, 2018, attribwixxa diżabbiltà ta' 5%.*

*In eskussjoni l-espert mediku kkonferma illi tista' ssir operazzjoni sabiex titranġa s-sitwazzjoni tal-attur u jekk issir ma jibqax isofri minn diżabbiltà permanenti.*

*Illi r-rati ta' diżabbiltà magħduda flimkien jirriżultaw f'rata ta' diżabbiltà ta' 27%. L-esperti mediċi taw rata ta' diżabbiltà globali ta' 25% ibbażata fuq il-Combined Values Chart. Jispjegaw illi wasslu għal dan il-persentaġġ permezz tal-emendi tal-liġi dwar danni ċivili 2010 u permezz ta' American Guidelines għall-weighted average.*

*<u>Weighted average tar-Rata ta' Diżabbiltà</u>*

*Illi l-leġislatur Malti ma jagħti l-ebda ħjiel dwar kif għandha tiġi mkejla d-diżabbiltà u għalhekk din iħalliha f'idejn il-Qrati tagħna li kull darba jkollhom kompitu iebes fir-rigward. «Id-diżabbiltà totali trid tiġi kkunsidrata in relazzjoni għal persuna, bħala entità fiżika waħda mingħajr ma jiġi preżunt li l-multipliċità ta' debiltajiet jiġu komputati komplessivament sabiex toħroġ id-diżabbiltà reali li wieħed ikun sofra minnhom. Difatti, jekk il-persentaġġi jiġu magħduda flimkien, wieħed jista' jasal għall-konklużjoni assurda li f'xi każijiet ikun hemm debbiltà permanenti ta' aktar minn mija fil-mija.» (**Spiridione sive Dione Zammit v. Mario Bonello**, PA 30.03.2017)*

*Illi għalhekk huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li f'każ bħal dan, wieħed m'għandux jgħodd flimkien iż-żewġ rati ta' diżabbiltà permanenti, iżda għandu jiġi applikat dak magħruf bħala «weighted average.» Meta l-Qorti tgħaddi biex tikkomputa d-diżabbiltà permanenti totali, din trid tiġi kkunsidrata fir-rigward tal-persuna fiżika sħiħa mingħajr ebda preżunzjoni a priori li l-multipliċità ta' feriti jiġu komputati komplessivament (**Degiorgio v. De Crema**, P.A., 28.01.2004, u **Josef Farrugia v. Thomas Tanti**, P.A., 07.07.2014). Bil-weighted average għandu jittieħed bilanċ tar-riżultanzi tal-esperti mediċi biex dan ikun jirrifletti aħjar is-sitwazzjoni reali tad-danneġġat (**Cassar Pullicino noe et v. Xuereb et**, P.A., 20.02.20). Dak li jrid jiġi stabbilit mhuwiex il-grad ta' inkapaċità fis-sens purament mediku, iżda l-effetti li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ jew il-ħidma tal-attur danneġġat (**Frendo v. Cachia**, P.A., 20.04.2009). Mill-ġurisprudenza tagħna, jidher li l-mod kif jinħadem il-weighted average jitħalla interament fid-diskrezzjoni tal-Qorti ta' dak li tqis li huwa xieraq u ġust fiċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*Il-Qorti tqis illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ ikun ġust li tiġi adottata bħala weighted average rata globali ta' diżabbiltà permanenti ta' 21% (15%+ ½ ta' 7% + ½ ta' 5%).*

*<u>Multiplier</u>*

*Meta ġara l-inċident, l-attur kellu 33 sena. L-attur daħal fil-Korp tal-Pulizija fis-6 ta' April 1995. Is-servizz fil-Korp huwa ta' ħamsa u għoxrin sena. L-inċident seħħ fit-22 ta' Jannar 2009 u ċjoè wara erbatax-il sena servizz. Għaldaqstant kien baqagħlu ħdax-il sena biex joħroġ bil-pensjoni tas-servizz fl-età ta' 45 sena. Dan però ma jfissirx illi l-attur ma setax jagħmel xogħol ieħor wara l-età tal-irtirar mis-servizz u jkollu introjtu minn dan l-impjieg kif fl-aħħar mill-aħħar hija prassi li tintagħmel minn ħafna uffiċjali li jirtiraw ta' età żgħira wara ħamsa u għoxrin sena servizz. L-età tal-irtirar għall-persuni li twieldu fl-istess sena tal-attur (1975) hija ta' 65 sena. Tenut kont tac-changes and chances of life tal-ħajja lavorattiva, din il-Qorti se tadotta multiplier ta' 22 sena (Ara skeda f'**Emeline Cini v. Antoine Cachia** – 18.02.2013 – LFS).*

*<u>Paga</u>*

*Dakinhar tal-inċident, l-attur kellu paga annwali ta' €18,104.85. Ma jirriżultax lill-Qorti hux gross jew nett. Tenut kont illi l-attur kien baqagħlu ħdax-il sena fis-servizz, din il-Qorti se tieħu inkonsiderazzjoni l-paga minima għall-kumplament tal-Multipler (11-il-sena). Il-Qorti sejra tieħu bħala bażi l-paga minima nazzjonali li fl-2020 kienet ta' €9,455.68 fis-sena. Din il-paga bejn wieħed u ieħor togħla bi €135.41 fis-sena. Li jfisser li l-paga tal-attur tiżdied b' €1,489.51 għal €10,945.19. Il-medja tiġi €10,200.44.*

*Abbażi tas-suespost, il-lucrum cessans għandu jiġi kkalkolat bil-mod segwenti:*

*€18,104.85 x 11 x 21% = €41,822.20*
*€10,200.44 x 11 x 21% = €23,563.02*

*Għaldaqstant: Damnum emergens = €3,282.06*

*Lucrum cessans = €65,385.22*

*Tnaqqis tal-ammont mogħti lil attur bħala pensjoni ta' diżabbiltà mogħti mill-10 ta' April 2010 - €1,371.24 x 2262 = €30,167.28*

*Total tad-danni = €38,500*

*€38,500 x 20% = €7,700*

***Lump Sum Payment***

*Illi kif diġà ngħad minn din l-istess Qorti f'sentenzi oħra: «mhix sejra, kif soltu jsir, tagħmel tnaqqis minħabba li qiegħda tingħata lump sum. Tnaqqis bħal dan kien jagħmel sens sa ftit tas-snin ilu meta l-banek kummerċjali kienu jagħtu sa madwar 5% għal depożiti fissi. Li kien ifisser li f'ċerti każijiet, il-vittma kienet tieħu permezz tal-imgħax, somma ekwivalenti għall-paga li kien ikollha li kieku ma seħħx l-inċident; u fl-aħħar mill-aħħar tibqa' bis-somma kapitali f'idejha. Dan iżda mhuwiex il-każ fiż-żminijiet tal-lum, fejn l-imgħax huwa prattikament negliġibbli, u l-kapital ikollu "jittiekel"; fi kliem ieħor jiġi kkunsmat» (**Trevor Grech v. Lawrence Agius** – Qorti Ċivili, Prim'Awla, 17 ta' Ottubru 2018). Dan iktar u iktar fil-każ preżenti fejn l-inċident seħħ tnax-il sena ilu.»*

15. L-attur Malcolm Mifsud appella minn din is-sentenza b'rikors tal-5 ta' Jannar, 2022, u hemmhekk huwa talab lil din il-Qorti tal-Appell sabiex: (i) tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ħelset lill-Awtorità

għat-Trasport f'Malta, lill-Enemalta plc u lill-Kunsill Lokali Floriana milli jibqgħu aktar fil-kawża; (ii) tibdel dik il-parti tas-sentenza appellata fejn il-Kummissarju tal-Pulizija nżamm responsabbli fil-kwota ta' 20% biss, u minflok issibu responsabbli għalkollox jew inkella fi kwota oħra ogħla minn dik li nżamm responsabbli; (iii) tillikwida d-danni u tordna lill-Kummissarju sabiex iħallsu ammont ogħla minn €7,700, u dan kemm b'konsegwenza tal-ewwel aggravju kif ukoll tat-tieni aggravju; u (iv) tikkundanna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża, kemm dawk ta' quddiem l-Ewwel Qorti, kif ukoll dawk ta' dan l-appell.

16. Bi tweġiba mressqa fil-21 ta' Jannar, 2022, il-Kummissarju tal-Pulizija saħaq li s-sentenza appellata hija waħda ġusta u għalhekk talab lil din il-Qorti tal-Appell sabiex tiċħad l-appell ta' Malcolm Mifsud, bl-ispejjeż kontrih.

17. Minkejja li l-appellant għamilha ċara li huwa ma kienx qiegħed jappella minn dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha l-Ewwel Qorti ħelset lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta, lill-Enemalta plc u lill-Kunsill Lokali tal-Floriana milli jibqgħu aktar fil-kawża, dawn xorta waħda ħassew li għandhom iressqu tweġiba għall-appell.

18. L-Awtorità għat-Trasport f'Malta u l-Kunsill Lokali tal-Floriana, talbu

lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell ta’ Malcolm Mifsud, filwaqt li l-Enemalta plc stqarret li hija m’għandha l-ebda interess f’dan l-appell u saħqet li m’għandha tbati l-ebda spejjeż.

19. Il-Qorti, wara li rat dak kollu li hemm fl-atti tal-kawża, tqis li m’hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ, u b’hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b’riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

20. Kif anke jixhdu t-talbiet finali tar-rikors tal-appell, b’din il-proċedura l-attur Malcolm Mifsud qiegħed jattakka s-sentenza appellata fuq żewġ binarji.

21. Fl-ewwel aggravju Mifsud qiegħed jinsisti li l-Ewwel Qorti kellha ssib lill-Kummissarju tal-Pulizija responsabbli għalkollox jew inkella fi grad ferm akbar minn dak ta’ għoxrin fil-mija u dan għaliex qiegħed iqis li l-Kummissarju naqas milli jipprovdilu uniformi u tagħmir protettiv xieraq għas-saħħa u s-sigurtà tiegħu fuq il-post tax-xogħol.

22. Fit-tieni aggravju, Mifsud qiegħed imbagħad idawwar ħarstu fuq l-eżerċizzju tal-likwidazzjoni tad-danni, u filwaqt li jilmenta li l-Ewwel Qorti

ħadet żball fil-kalkolu tat-telf ta' qligħ, jargumenta li l-Ewwel Qorti kellha tagħtih kumpens għall-ispejjeż futuri, sabiex, sa fejn possibbli huwa jerġa' jitpoġġa fil-qagħda li kien jinsab fiha qabel ma' korra.

23. Nibdew bl-**ewwel aggravju** li huwa dwar il-grad ta' responsabbiltà tal-Kummissarju appellat.

24. L-appellant jitlaq billi jirreferi lejn il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li l-kawża ewlenija ta' dan l-inċident kienet xi żejt, *diesel* jew inkella likwidu ieħor li kien hemm imferrex fuq il-wiċċ tat-triq qabel ma' seħħ l-inċident. Jilmenta li biex wasslet għal din il-konklużjoni, l-Ewwel Qorti mank biss qieset il-possibbiltà li dak il-likwidu seta' nfirex fl-art b'konsegwenza tal-inċident u dan billi ħareġ mill-mutur waqt li kien qiegħed jitkaxkar mal-art. Jargumenta li t-teorija li huwa żelaq bil-mutur minħabba xi likwidu li kien hemm imferrex fuq il-wiċċ tat-triq, kellha tiġi ppruvata minn min qiegħed jipprova jfarfar il-ħtija mill-inċident, u f'dan il-kwadru jisħaq li l-Ewwel Qorti ma setgħetx issejjes il-konklużjonijiet tagħha fuq sempliċi possibbiltà.

25. Fil-kumplament, l-appellant jargumenta li anke però kieku stess l-inċident seħħ b'kaġun taż-żejt li kien hemm imferrex fuq il-wiċċ tat-triq, b'daqshekk ma jfissirx li l-Kummissarju appellat kellu jinstab responsabbli fil-kwota ta' għoxrin fil-mija biss.

26. Minbarra jressaq l-ilment li l-Ewwel Qorti naqset milli tagħti xi raġuni konkreta għalfejn żammet lill-Kummissarju responsabbli fil-grad ta' għoxrin fil-mija, l-appellant jenfasizza li fis-sejbien ta' responsabbiltà f'dik il-kwotà, l-Ewwel Qorti naqset milli tagħti piż biżżejjed lin-nuqqas tal-Kummissarju, li bħala prinċipal tiegħu, naqas milli jipprovdilu lbies u tagħmir xieraq għall-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà tiegħu bħala sewwieq ta' mutur fit-taqsima tat-traffiku tal-Korp.

27. Jargumenta li għalkemm l-inċident inkwistjoni kien wieħed relattivament żgħir u l-konsegwenzi tiegħu suppost kellhom ikunu relattivament ċkejknin, madankollu huwa xorta waħda spiċċa biex ġarrab konsegwenzi kbar, u dan kollu għaliex huwa ma kellux ilbies protettiv xieraq sabiex minn tal-inqas iħarsu minn inċidenti ta' din ix-xorta.

28. Jenfasizza li l-ilbies protettiv mhuwiex qiegħed hemm għal dawk id-drabi li ma jinqala' xejn, u jirraġuna li jekk l-ilbies li kellu ma kienx kapaċi milli jħarsu minn sempliċi skiddjatura, dak l-ilbies ma setax kien tajjeb għal xogħlu, li bħala pulizija tat-traffiku, kien jitlob li jqatta' sigħat twal iterraq bil-mutur ta' kuljum.

29. Jisħaq li skiddjatura b'mutur minħabba xi żjut jew materjal ieħor li jkun imxerred fuq il-wiċċ tat-triq mhijiex xi ħaġa ta' barra minn hawn, u dan speċjalment fil-kuntest lokali. Isostni li inċident ta' dan it-tip kellu

għalhekk ikun bil-wisq prevedibbli għal min kien responsabbli sabiex iħejji l-ilbies protettiv tal-uffiċjali tal-Korp stazzjonati fit-Taqsima tat-Traffiku, u fid-dawl ta' dan jirraġuna li d-diliġenza ordinarja kienet titlob li pulizija tat-traffiku bħalu kellu jkun armat b'ilbies protettiv sabiex iħarsu minn xi inċident bħal dak li huwa għadda minnu.

30. F'dan il-qafas, l-appellant jilmenta li la huwa ġust u wisq inqas ma jagħmel sens li l-Kummissarju jinżamm responsabbli biss fil-kwota ta' għoxrin fil-mija, filwaqt li l-bqija tar-responsabbiltà tibqa' ma tintrefa' minn ħadd minħabba ż-żlieq li kien hemm fl-art.

31. Itenni li b'għaqal u b'diliġenza ordinarja preventiva, il-Kummissarju seta' jevitalu l-ħsara li ġarrab u għaldaqstant iqis li l-Kummissarju appellat kellu jinżamm responsabbli għall-ħsara kollha mġarrba minnu, jew minn tal-inqas fi kwota li kellha tkun ħafna ogħla minn dik ta' għoxrin fil-mija.

32. Fuq ix-xaqliba l-oħra, l-appellat Kummissarju tal-Pulizija jilqa' għal dan kollu billi fost argumenti oħrajn, jistqarr li huwa ma jistax jifhem kif l-appellant qiegħed jipprova jpoġġi fid-dubju l-fatt dwar jekk kienx hemm żejt fit-triq fil-mument li huwa żelaq bil-mutur. Josserva li kemm fl-inkjesta maġisterjali li tħejjiet b'rabta mal-inċident inkwistjoni, kif ukoll mis-sentenza appellata jirriżulta li l-inċident seħħ minħabba ż-żejt li tqiegħed fit-triq u li kien mgħotti bix-xita. Iqis għalhekk li d-dubju mqajjem mill-

appellant dwar jekk kienx hemm żejt fit-triq fil-mument tal-inċident mhuwiex sostnut bil-fatti.

33. Jenfasizza li f'dan il-każ huwa ma kellu x'jaħti xejn għall-inċident inkwistjoni, u jirraġuna, li jekk xejn, għandhom ikunu dawk responsabbli mill-bini u ż-żamma tat-toroq li għandhom iwieġbu għall-inċident. Jisħaq li huwa mhuwiex responsabbli miż-żamma tat-toroq, u fid-dawl ta' dan iqis li l-appellant mhuwiex qiegħed jagħmel sewwa li jipprova jwaddab il-ħtija kollha fuqu, sabiex jagħmel tajjeb għan-nuqqas tiegħu li jħarrek lil min kien responsabbli li jmantni l-wiċċ tat-triq li fiha seħħ l-inċident, u sewwasew lill-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta.

34. Sa fejn għandhom x'jaqsmu l-argumenti dwar in-nuqqas ta' ilbies protettiv, il-Kummissarju jiċħad li dak l-ilbies u t-tagħmir mogħti minnu ma servew għal xejn u jsostni li dawn kienu *«up to standard.»*

35. Dwar l-elmu, jagħmel l-osservazzjoni li wara l-inċident dan instab li baqa' fi stat funzjonabbli u mingħajr ħsara. Jirraġuna għalhekk li huwa għamel dmiru u żgur li ma setax jinsab responsabbli għad-danni kollha tal-inċident.

36. Iżid li ma jaqbel xejn mar-raġunament tal-appellant li huwa kellu b'xi mod jew ieħor jipprevedi li fit-triq seta' jkun hemm iż-żejt, u filwaqt li

jaċċetta li t-toroq huma esposti għall-elementi naturali tat-temp, jargumenta li ma huwa xejn normali li fit-toroq jitqiegħed xi likwidu li jiżloq bħaż-żejt u li ma jitneħħix minn dawk responsabbli mill-manutenzjoni tat-toroq.

37. Itenni li huwa ma jaħtix għan-nuqqas ta' min huwa mgħobbi bir-responsabbiltà li jżomm it-toroq fi stat tajjeb u bla periklu. Jisħaq għalhekk li l-inċident inkwistjoni seħħ minħabba li l-attur żelaq b'konsegwenza taż-żejt li kien hemm imferrex fl-art, u jirraġuna li kieku dak iż-żejt ma kienx hemm, l-inċident ma kienx iseħħ u l-attur ma kienx iweġġa'.

38. Jissottometti li l-Ewwel Qorti mhux biss fehmet u apprezzat dan kollu, iżda wkoll għarrfet li l-ilbies protettiv seta' kien aħjar u kien għalhekk li hija żammitu responsabbli fil-grad ta' għoxrin fil-mija. Jistqarr li din il-kwota ta' responsabbiltà hija fiċ-ċirkostanzi ġusta u msejsa fuq il-prinċipji li jsawru l-ħtija akwiljana.

39. Jikkonkludi għalhekk li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn din il-Qorti għandha ssibu responsabbli fi grad akbar minn dak li sabitu l-Ewwel Qorti, u għaldaqstant jinsisti li dan l-ewwel aggravju mhuwiex mistħoqq u għandu jiġi miċħud.

40. Il-Qorti wara li għarblet l-argumenti kollha tal-partijiet fid-dawl ta'

dak kollu li hemm fl-atti tal-kawża, jidhrilha li għalkemm min-naħa l-waħda l-Kummissarju tal-Pulizija għandu raġun jisħaq li huwa m'għandux iwieġeb għad-danni kollha mġarrba mill-attur, fl-istess waqt tqis, li l-appellant Malcolm Mifsud qiegħed ukoll jgħid sewwa li fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, il-Kummissarju appellat kellu jinżamm responsabbli fi grad ferm akbar minn dik ta' għoxrin fil-mija (20%).

41. Jibda billi jingħad li għalkemm fiż-żmien li fih seħħ l-inċident inkwistjoni, l-**Artikolu 3 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol** kien jipprovdi li dak l-Att ma kellux jgħodd għal dawk l-attivitajiet immexxija mill-membri tal-Korp tal-Pulizija, madankollu, fil-*proviso* tal-istess Artikolu, il-liġi xorta waħda kienet tagħmilha ċara li anke fil-każ ta' dawk il-membri tas-servizzi pubbliċi li kienu eżentati mit-tħaris ta' dak l-Att, is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema kellha xorta waħda *«tiġi żgurata sakemm dan ikun raġonevolment possibbli fil-qies tal-iskop ġenerali ta' dawk is-servizzi*[1]*.»*

42. Ifisser b'hekk li għalkemm dak iż-żmien il-Kummissarju tal-Pulizija kien meħlus minn kull responsabbiltà taħt il-liġi amministrattiva, madankollu huwa xorta waħda kien obbligat mill-aspett ċivili li jħares is-saħħa u s-sigurtà tal-uffiċjali tiegħu. Dan dejjem però sakemm

[1] Dan l-artikolu ġie mibdul b'artikolu ieħor li jixbħu permezz tal-**Att 26 tal-2019**. Illum-il ġurnata l-**Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (il-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta)**, ġie mħassar bl-**Artikolu 35 tal-Att 33 tal-2024** u mibdul bl-**Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol (Kap 646 tal-Liġijiet ta' Malta)**.

raġonevolment possibbli u fil-qies tal-iskop ġenerali tas-servizz mogħti mill-korp.

43. Issa qajla għandu jkun hemm xi dubju li wieħed mill-modi ewlenin li bihom kull prinċipal, fosthom il-Kummissarju tal-Pulizija, għandu jħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tiegħu, huwa billi jiżgura li tali ħaddiema jkunu mgħammra bi lbies u tagħmir protettiv li jkun xieraq u proporzjonat għal dawk ir-riskji li l-ħaddiem jista' raġonevolment jiltaqa' magħhom waqt il-qadi ta' dmirijietu.

44. Hija mbagħad ħaġa raġunata li biex il-ħaddiema jkunu jistgħu jingħataw tagħmir xieraq u proporzjonat għar-riskji li jistgħu jsibu ma' wiċċhom fit-twettiq ta' dmirijiethom, il-prinċipal għandu qabel xejn jagħti ħarsa madwaru u jagħmel eżami serju tal-atmosfera li fiha l-ħaddiem ikun sejjer jitqiegħed jaħdem fiha. Dan għandu jsir biex b'hekk, il-prinċipal jidentifika dawk ir-riskji u diffikultajiet li tali ħaddiem jista' jsib ma' wiċċu f'ħidmietu u sa fejn huwa possibbli, jilqa' għalihom bil-quddiem (ara ***Joseph Apap v. Frank Borg pro et noe*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fit-2 ta' Ġunju, 2009).

45. Fil-każ tal-lum jirriżulta li fiż-żmien li fih seħħ l-inċident inkwistjoni, l-appellant Malcolm Mifsud kien stazzjonat fis-sezzjoni tat-traffiku tal-Korp tal-Pulizija (ara l-affidavit tal-Assistent Kummissarju Sandro Zarb u

r-rekords uffiċjali tal-attur f'paġna 87 tal-atti tal-kawża), u għaldaqstant, min-natura tiegħu, dan ix-xogħol kien jitlob lill-attur iqatta' sigħat twal jiġri fit-toroq b'mutur.

46. Wieħed m'għandux għalfejn ikun xi professur fil-qasam tas-saħħa u sigurtà tal-ħaddiema biex jintebah li s-sewwieqa tal-muturi huma mill-aktar utenti tat-toroq vulnerabbli, u dan kemm minħabba ħabtiet ma' vetturi oħrajn, kif ukoll minħabba inċidenti oħra, fosthom dawk ta' telfien tal-kontroll tal-mutur minħabba xi żball tas-sewwieq, jew inkella minħabba fatturi lil hemm mill-kontroll tas-sewwieq.

47. Lanqas ma hija xi ħaġa imprevedibbli li wieħed mill-perikli ewlenin li jista' jsib ma' wiċċu sewwieq ta' mutur huwa dak taż-żlieq fit-triq. Dan mhux biss minħabba xi ħmieġ li jista' jkun hemm fil-wiċċ tat-triq, iżda wkoll minħabba l-elementi naturali bħall-ilmijiet tax-xita.

48. Wara kollox, l-Assistent Kummissarju stess għaraf dan billi stqarr li fi ġranet ta' maltemp: *«jkun hemm riskju akbar li vetturi u partikolarment muturi jitilfu l-aderenza mat-tarmac minħabba l-ilma tax-xita u xi żjut u/jew likwidi oħra li jistgħu jkunu preżenti fuq il-wiċċ tat-triq, li l-effett tagħhom meta t-toroq ikunu mxarrba bl-ilma tax-xita, jiżdied sostanzjalment kif ukoll jiżdied ir-riskju ta' inċident»* (silta meħuda mill-affidavit tal-Assistent Kummissarju Sandro Zarb, 'Dok SZ', f'paġna 346 tal-atti tal-kawża).

49. Il-Kummissarju ma jistax għalhekk jiġi jgħid li ma kienx prevedibbli għalih li s-sewwieqa tal-muturi bħall-attur kienu esposti għal riskju ta' skiddjatura minħabba xi ħmieġ fit-triq bħaż-żejt.

50. Terġa' u tgħid, fiż-żmien partikolari li fih seħħ l-inċident, jiġifieri f'Jannar tas-sena 2009 (u sfortunatament anke llum), wieħed lanqas ma kellu għalfejn iqatta' xi sigħat twal iħuf fit-toroq Maltin biex jintebah li l-istat tat-toroq ma kienx wieħed perfett. Għaldaqstant, meta wieħed iqis kollox ma' kollox, ir-riskju ta' skiddjatura bil-mutur ma kinitx xi possibbiltà mbiegħda, iżda probabbiltà raġonevoli li l-Kummissarju kellu jaħseb għaliha.

51. Għalkemm huwa minnu li l-Kummissarju m'għandu x'jaħti xejn għall-istat u ż-żamma tat-toroq Maltin, mill-banda l-oħra dan l-istat ta' fatt jitfa' piż akbar fuq spallejn il-Kummissarju sabiex jiżgura li l-uffiċjali stazzjonati fit-Taqsima tat-Traffiku u b'mod partikolari dawk li jużaw il-mutur għall-ħinijiet twal, jingħataw dak l-ilbies protettiv u t-tagħmir kollu meħtieġ, sabiex kemm jista' jkun inaqqas il-possibbiltà li dawn iweġġgħu b'mod gravi f'każ li jkunu involuti f'inċident, speċjalment dak ta' skiddjatura.

52. Issa, minkejja li l-Kummissarju qiegħed jisħaq li huwa għamel dmiru u pprovda lill-attur b'ilbies protettiv u tagħmir li jfissru bħala *«up to*

*standard»,* jirriżulta li f'dak l-istess żmien tal-inċident, il-Korp kien ilu sa minn sena qabel, jiġifieri sa mis-sena 2008, jipprova jbiddel l-uniformi ta' protezzjoni lis-sewwieqa tal-muturi stazzjonati fis-sezzjoni tat-traffiku (ara x-xhieda tal-ispettur Mario Tonna f'paġna 261 tal-atti tal-kawża).

53. Naturalment, il-fatt waħdu li l-Korp kien qiegħed jipprova jixtri uniformi ta' protezzjoni ġdida jagħti l-ħjiel, li fi żmien li fih seħħ l-inċident inkwistjoni, diġà kien hemm lok għal titjib fl-uniformi ta' protezzjoni li kien liebes l-attur fil-jum tat-22 ta' Jannar, 2009. Barra minn hekk, l-istess fatt juri wkoll li fis-suq kien hemm tagħmir li kien aħjar minn dak mogħti lill-attur fil-ħin tal-inċident.

54. Għal din il-Qorti, dan il-fatt tal-aħħar diġà juri ċertu nuqqas tal-Kummissarju, għaliex il-prinċipal mhux biss għandu d-dmir li jagħti t-tagħmir protettiv lill-ħaddiema, iżda wkoll għandu jiżgura li jżomm dak it-tagħmir aġġornat mal-avvanzi li jsiru minn żmien għal żmien f'dak il-qasam rilevanti (ara ***Joseph Cordina v. Wasteserv Malta Limited et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Ottubru, 2024).

55. Fis-sewwa, ċertu tagħmir protettiv minn ieħor, jista' jfisser differenza bejn ħajja u mewt, u għalhekk, il-Kummissarju kellu jiżgura li jagħti lill-attur appellant, l-aħjar ilbies u tagħmir protettiv sabiex jipproteġih kemm jista' jkun fl-eventwalità li jkollu xi inċident, fosthom dak ta'

skiddjatura.

56. Fil-fehma tal-Qorti, f'dan il-każ, l-appellant għandu raġun jisħaq li l-Kummissarju appellat naqas bi kbir minn dan id-dmir, u dan għal bosta raġunijiet.

57. L-ewwel nett, mix-xhieda tal-ispettur Silvio Magro ħareġ li l-uniformi mogħtija lill-uffiċjali, li bħall-attur kienu jsuqu l-muturi fit-Taqsima tat-Traffiku tal-Korp, kienet waħda elementari għall-aħħar, tant li kienet l-istess bħal-bqija tal-uffiċjali tal-Korp, bid-differenza żgħira li minflok żarbun normali kienu jingħataw *boots* apposta, elmu *(crash helmet)*, qalziet għax-xita, u par ingwanti. Għall-mistoqsija dwar jekk minbarra dawn l-aċċessorji, l-uffiċjali tat-traffiku kinux jingħataw xi tagħmir protettiv ieħor bħal *protective foaming*, l-istess xhud ikkonferma li f'dak iż-żmien ma kien jingħata xejn minn dan (ara x-xhieda tal-ispettur Silvio Magro f'paġni 93 u 94 tal-atti tal-kawża).

58. Terġa' u tgħid, għalkemm l-uffiċjali tat-traffiku kienu jingħataw elmu, dan l-elmu kien, fi kliem l-Ispettur Anthony Agius, *«standard»,* u fil-fatt jirriżulta li ma kienx tat-tip hekk imsejjaħ bħala *«full face»* (ara: (i) ix-xhieda tal-Ispettur Anthony Agius f'paġna 80 tal-atti tal-kawża; (ii) ix-xhieda tal-Ispettur Silvio Magro, f'paġna 94 tal-atti tal-kawża; u (iii) il-konklużjonijiet tal-espert Joseph Zammit fl-atti tal-inkjesta maġisterjali

b'rabta ma' dan l-inċident f'paġna 178 tal-atti tal-kawża). Ifisser dan li fi żmien li fih seħħ l-inċident inkwistjoni, l-attur ma kellu xejn x'jipproteġi lil wiċċu (ara l-kontroeżami tal-espert Joseph Zammit, f'paġna 450 tal-atti tal-kawża).

59. Biex tkompli tgħaxxaq, l-elmu pprovdut mill-Kummissarju ma kienx wieħed li jżomm f'ras l-attur b'mod sigur, u għalhekk lanqas ma kien addattat għalih. Kemm hu hekk, mill-investigazzjonijiet li saru wara l-inċident jirriżulta li l-elmu tal-attur instab mixħut mal-art, f'dik il-parti tat-triq fejn instabu l-ewwel marki ta' grif fil-wiċċ tat-triq (ara l-iskizz tal-inċident mehmuż mar-rapport tal-Perit Valerio Schembri, f'paġna 134 tal-atti tal-kawża). Dan ifisser li l-elmu tar minn ma' ras l-attur hekk kif huwa waqa' mal-art u l-mutur beda jitkaxkar għan-niżla.

60. Hawnhekk ta' min isemmi, li wara l-inċident, l-elmu tal-attur instab biċ-ċinga maqfula u intatta. Għal din il-Qorti, din hija osservazzjoni importanti għaliex tikkonferma li l-attur kien tabilħaqq qafel l-elmu meta ġie biex jilbsu.

61. Bilkemm hemm għalfejn jingħad li l-iskop ta' elmu huwa li jipproteġi lir-ras minn xi impatt, u jekk l-elmu ma jżommx fir-ras waqt xi inċident, dan ma jistax jaqdi l-għanijiet li għalih jintlibes. Il-fatt waħdieni li l-elmu milbus mill-attur spiċċa biex tar minn ma' rasu hekk kif dan waqa' minn

fuq il-mutur juri li bil-maqlub għal dak li qiegħed jargumenta l-Kummissarju, l-elmu mogħti minnu ma qediex il-funzjonijiet tiegħu kif suppost.

62. Għandna wkoll spjegazzjoni ċara għalfejn l-elmu spiċċa tar minn ma' ras l-attur. Tassew, mill-investigazzjonijiet li twettqu fuq ordni tal-maġistrat inkwirenti fl-inkjesta li tħejjiet b'rabta ma' dan l-inċident, irriżulta li anke jekk l-attur kien jaqfel iċ-ċinga sal-massimu li setgħet tiġi ssikkata, l-elmu xorta waħda kien joħroġ minn ma' ras l-attur meta jiġi mbuttat bl-idejn minn wara. Irriżulta wkoll li waqt li jkun ħiereġ, iċ-ċinga tal-elmu kienet tissikka ma' geddum l-attur appellant, b'tali mod li kienet tħallilu ferita taħt geddumu, hekk kif fil-fatt ħallietlu (ara l-konklużjonijiet tal-espert Joseph Zammit, f'paġni 179 u 180 tal-atti tal-kawża).

63. Kif tifhimha din il-Qorti, daqskemm dawn l-osservazzjonijiet tal-aħħar ġew innutati mill-espert Joseph Zammit, daqshekk ieħor li tali sinjali setgħu ġew faċilment innutati mill-uffiċjal responsabbli tal-Korp li qassam l-elmu lill-attur. F'ċirkostanzi bħal dawn, żgur li ma kienx imprevedibbli li f'każ ta' inċident, l-elmu mogħti lill-attur seta' joħroġlu minn ma' rasu, ġaladarba dan kien diġà joħroġ b'sempliċi imbutattura bl-idejn min-naħa ta' wara!

64. Huwa magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li l-essenza tal-ħtija tinsab

fil-prevedibbiltà tal-ħsara, u ġaladarba kellu jkun raġonevolment prevedibbli għall-Kummissarju appellat, li fil-każ ta' inċident, l-attur seta' jġarrab ġrieħi serji f'rasu għaliex l-elmu ma kienx addattat sewwa għalih u lanqas ma kien joffrilu l-iċken protezzjoni għal wiċċu, il-Kummissarju għandu tabilħaqq jinżamm responsabbli għal dik il-ħsara mġarrba mill-attur b'konsegwenza tal-impatt li huwa kellu f'wiċċu u f'rasu (ara ***Yvonne Cassone pro et noe v. Alfred Calamatta et noe*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Frar, 2008, u ***Falcotrans Limited v. The Cargo Handling Company Limited et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fid-9 ta' Mejju, 2007).

65. Mill-ġabra sħiħa tal-provi jirriżulta li b'konsegwenza tal-impatt qawwi li kellu fir-ras u fil-wiċċ, l-attur spiċċa biex ġarrab: ksur u diformità f'imnieħru; tfixkil biex jieħu n-nifs bħal qabel minħabba ksur fis-*sinuses*; ċikatriċi f'imnieħru, u oħra fix-xoffa ta' fuq; tnaqqis fis-smigħ; tisfir fil-widna tax-xellug; kif ukoll diżabbiltà newroloġika fosthom *sindrome post-konkussjonali*, u disturbi minuri tal-ħsieb.

66. Barra minn hekk, l-attur spiċċa wkoll b'ċikatriċi mdaqqsa taħt geddumu ta' madwar tliet ċentimetri u nofs, li ġiet ikkaġunata biċ-ċinga tal-elmu u b'konsegwenza tal-fatt li dak l-elmu tar minn fuq ras l-attur għaliex ma kienx addattat għalih.

67. Dan biex ma jissemmiex ukoll li waqt l-istess inċident l-attur spiċċa biex ġarrab ġrieħi serji oħra f'ġismu bħal ksur fil-kustilji tax-xellug li wasslu għal ġrieħi fil-pulmun, kif ukoll tiċrita fil-milsa.

68. Minħabba dawn il-ġrieħi tal-aħħar, l-attur kellu jsirlu intervent kirurġiku serju li fih tneħħitlu l-milsa, kif ukoll saritlu *chest drain* (ara r-rapport kliniku maħruġ mill-isptar Mater Dei, 'Dok MM15', f'paġna 32 tal-atti tal-kawża). Dawn l-interventi kirurġiċi ġabu magħhom il-konsegwenza li kellha ssir ċikatriċi ta' daqs ta' ċentimetru u nofs f'dik il-parti ta' sider l-attur li fiha twaħħlet ic-*chest drain*, u ċikatriċi oħra ta' xejn inqas minn sebgħa u għoxrin ċentimetru f'żaqq l-attur minħabba l-intervent tat-tneħħija tal-milsa (ara r-rapport tal-konsulent ortopediku C. Cassar, Dok MM9, f'paġna 19 tal-atti tal-kawża).

69. Agħar minn hekk, l-intervent tat-tneħħija tal-milsa kellu wkoll impatt qawwi u dirett fuq saħħet l-attur, tant li għamlu vulnerabbli iktar għall-infezzjonijiet u minħabba f'hekk sejjer ikollu jibqa' jieħu l-medicina tal-penicillin għall-bqija ta' ħajtu biex kemm jista' jkun inaqqas dak ir-riskju (ara r-rapport tal-Espert Mediku Gordon Caruana Dingli, f'paġna 608 tal-atti tal-kawża).

70. Għalkemm la nafu u lanqas ma nistgħu nkunu nafu b'ċertezza jekk l-attur kienx sejjer iġarrab xi wħud minn dawn il-ġrieħi li kieku huwa kien

mogħti tagħmir protettiv adegwat, bħal ġakketta ta' protezzjoni ta' fuq il-muturi, kif ukoll elmu tat-tip *full-face* addatat għall-forma ta' rasu, jibqa' xorta waħda l-fatt li b'ilbies protettiv ta' din ix-xorta, l-attur kien probabbilment sejjer iweġġa' ħafna inqas gravi, u l-konsegwenzi ta' dan l-inċident fuq saħħet u d-dehra tal-attur kienu jkunu aktar ta' xeħta temporanja milli ta' sura permanenti.

71. Fis-sewwa, anke mid-dinamika li fiha seħħ l-inċident, fosthom il-fatt li l-attur kien miexi b'veloċità konservattiva ta' madwar 24.6 kilometri fis-siegħa (ara paġna 17 tas-sentenza appellata), kif ukoll il-fatt li l-mutur involut fl-istess inċident ġarrab biss ħsara minima (ara x-xhieda tal-Ispettur Anthony Agius u l-affidavit tal-Assistent Kummissarju Sandro Zarb, f'paġni 80 u 346 tal-atti tal-kawża), juru li b'ilbies protettiv xieraq, l-attur wisq probabbli ma kienx sejjer iġarrab dawk il-ġrieħi kollha li ġarrab u saħansitra jispiċċa f'ħalq il-mewt.

72. Huwa miżmum li l-grad meħtieġ ta' prova f'kawża bħal dik tal-lum huwa dak tal-probabbiltà (ara ***Paul Pullicino v. Id-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu, 2022), u mill-ġabra sħiħa tal-provi din il-Qorti jidhrilha, li daqskemm huwa probabbli li l-inċident ma kienx sejjer iseħħ li kieku ma kienx hemm xi żejt jew likwidu ieħor imferrex fil-wiċċ tat-triq, daqshekk ieħor huwa probabbli li l-attur ma kienx sejjer iġarrab il-ġrieħi gravi kollha li ġarrab li kieku l-Kummissarju

qeda dmiru sewwa u pprovdielu lbies protettiv u tagħmir xieraq.

73. F'ċirkostanzi bħal dawn, din il-Qorti jidhrilha li għalkemm l-appellant Malcolm Mifsud ma jistax jippretendi li l-Kummissarju appellat għandu jagħmel tajjeb għad-danni kollha mġarrba minnu, fl-istess waqt ikun ġust u xieraq li l-kwota ta' responsabbiltà tal-Kummissarju titla' minn għoxrin fil-mija (20%) għal dik ta' ħamsin fil-mija (50%), biex b'hekk il-Kummissarju appellat jiġi qiegħed iwieġeb għal nofs id-danni mġarrba mill-attur appellant.

74. Fil-fehma tal-Qorti, ir-responsabbiltà tal-Kummissarju m'għandhiex però tkun aktar minn hekk, għaliex min-naħa tiegħu l-attur ma weriex li huwa ma kien sejjer ibati l-ebda ħsara li kieku l-Kummissarju tah ilbies protettiv xieraq u tagħmir adegwat.

75. Aktar importanti minn hekk, jibqa' jgħodd il-fatt li l-attur x'aktarx ma kienx sejjer jitlef il-kontroll tal-mutur u jiskiddja li kieku ma kien hemm l-ebda żejt jew likwidu simili mferrex fil-wiċċ tat-triq.

76. Il-fatt li l-attur skiddja minħabba xi likwidu bħal żejt li kien hemm imferrex fil-wiċċ tat-triq mhux biss jirriżulta mill-konklużjonijiet tal-inkjesta maġisterjali (ara l-kopja tal-*proces verbal* f'paġna 51 tal-atti tal-kawża), iżda fuq kollox ġie wkoll mistqarr mill-attur stess fuq ġurament u dan

kemm fix-xhieda tiegħu quddiem il-Maġistrat inkwirenti (erġa' ara l-kopja tal-*proces verbal* f'paġna 188 tal-atti tal-kawża), kif ukoll meta ġie biex iressaq din il-kawża u sewwasew fit-tieni premessa tar-rikors maħluf li fiha fisser kif: *«huwa skiddja minħabba likwidu li kien imferrex fit-triq u li jidher li kien ilu hemmhekk għal xi żmien.»* L-istess ġie mtenni mill-attur fl-ittri interpellatorji kollha li huwa bagħat lill-konvenuti f'din il-kawża (ara 'Dok MM1', 'Dok MM2', u 'Dok MM3', f'paġni 6 sa 8 tal-atti tal-kawża, rispettivament).

77. Anke d-dinamika li fiha seħħ l-inċident, hija tabilħaqq kompatibbli mal-fatt li l-iskiddjatura seħħet minħabba xi likwidu jiżloq li kien hemm fil-wiċċ tat-triq (ara l-affidavit tal-attur f'paġna 67 tal-atti tal-kawża).

78. Billi l-Kummissarju ma jaħti xejn għaż-żamma tat-toroq fi stat tajjeb u bla periklu, u peress li l-Qorti ma tistax teskludi fuq bilanċ ta' probabbiltajiet li l-attur ma kien sejjer ibati l-ebda ħsara li kieku huwa ngħata dak l-ilbies protettiv kollu li kien mistenni li jingħata, il-Qorti ma tarax li l-Kummissarju jista' b'xi mod jew ieħor jinżamm responsabbli fi kwota akbar minn dik ta' ħamsin fil-mija (50%).

79. L-ewwel aggravju qiegħed għalhekk jiġi milqugħ biss fis-sens li r-responsabbiltà li għandu jwieġeb għaliha l-Kummissarju appellat għandha tiżdied mill-grad ta' għoxrin fil-mija (20%) għal dak ta' ħamsin fil-

mija (50%).

80. Fit-**<u>tieni aggravju</u>** l-attur appellant jikkontesta dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha l-Ewwel Qorti llikwidat id-danni mġarrba minnu, u dan b'mod partikolari lejn dik il-parti li fiha ħadmet it-telf ta' qligħ (*lucrum cessans*).

81. Jilmenta li meta ġiet biex taħdem it-telf ta' qligħ, l-Ewwel Qorti bi żball applikat *multiplier* ta' ħdax-il sena, meta fil-konsiderazzjonijiet ta' qabel għamlitha ċara li kienet sejra tħaddem *multiplier* ta' tnejn u għoxrin sena.

82. Iżid li għalkemm huwa talab lill-Ewwel Qorti sabiex jiġi kkumpensat għad-danni kollha li ġarrab b'riħet l-**Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili**, l-Ewwel Qorti naqset milli tagħtih kumpens għall-ispejjeż futuri b'rabta mal-ispiża li sejjer ikollu jġarrab minħabba l-fatt li għandu ħajtu kollha jiddependi fuq il-mediċina u huwa espost iktar minn ħaddieħor għall-infezzjonijiet.

83. Jagħlaq billi jargumenta li forsi wasal iż-żmien li din il-Qorti tixpruna evoluzzjoni fil-ħsieb minn dak li ngħad fil-passat biex tara verament x'inhuma d-danni mġarrba u ssir tabilħaqq ġustizzja mal-vittma tad-dannu.

84. Fil-fehma tal-Qorti, dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq.

85. L-ewwel nett, u sa fejn l-attur qiegħed jirreferi lejn il-mod ta' kif l-Ewwel Qorti ħadmet it-telf ta' qligħ b'referenza għall-*multiplier* ta' tnejn u għoxrin sena*,* din il-Qorti tosserva li bil-maqlub għal dak li qiegħed jgħid l-appellant, l-Ewwel Qorti ħadmet id-danni fuq medda ta' tnejn u għoxrin sena, u mhux dak ta' ħdax il-sena.

86. Kif jidher biċ-ċar minn paġna 25 tas-sentenza appellata, dak li għamlet l-Ewwel Qorti huwa li ħadmet l-ewwel ħdax-il sena tal-*multiplier,* bil-paga li l-attur kellu fil-Korp għaliex kien fadallu daqshekk biex jirtira mill-istess Korp, filwaqt li ħadmet il-ħdax il-sena ta' wara bil-paga minima nazzjonali fis-sena 2020. Naturalment, meta wieħed iżid dawn it-tnejn flimkien, jirriżulta li l-Ewwel Qorti ħadmet il-*multiplier* fuq medda ta' tnejn u għoxrin sena, u mhux fuq medda ta' ħdax il-sena biss, bħalma qiegħed jgħid ħażin l-appellant.

87. Anke l-bqija tal-ilmenti huma bla bażi, u dan għaliex għalkemm huwa minnu li l-vittma tad-dannu jista' jingħata kumpens għall-ispejjeż futuri u dan bħala parti mid-*damnum emergens* mhux mil-*lucrum cessans* (ara f'dan is-sens ***Trevor Grech v. Lawrence Agius*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Ġunju, 2023), f'dan il-każ, l-attur mank biss indenja

ruħu li jressaq irċevuta waħda jew imqar ta xi ħjiel dwar kemm huma l-ispejjeż li qiegħed iġarrab b'rabta mal-mediċina u l-kura li qiegħed jieħu u li fadallu jieħu tul ħajtu kollha.

88. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza li l-valutazzjoni ekwitattiva tad-danni mhijiex qiegħda hemmhekk biex tagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet tal-vittma tad-dannu. Il-vittma tad-dannu bħal kull attur ieħor f'kull kawża oħra mhuwiex meħlus milli jressaq dawk il-provi għall-għanijiet tad-determinazzjoni tal-ammont tal-ħsara (ara ***Joanne Darmanin pro et noe v. Manuel Camenzuli*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Settembru, 2024).

89. Ġaladarba f'dan il-każ l-attur suppost qiegħed diġà jieħu l-mediċini ta' kuljum, ma kien hemm xejn xi jżommu milli jipprova kemm qiegħed jonfoq flus għal dawk il-mediċini biex b'hekk il-Qorti jkollha mqar ħjiel ta' kemm jistgħu jkunu l-ispejjeż relatati fil-futur. Il-likwidazzjoni tad-danni ma tistax issir fl-ajru, u fuq kollox, la l-attur ma ressaqx prova li qiegħed jonfoq il-flus għall-mediċini li sfortunatament qiegħed ikollu jieħu, din il-Qorti lanqas ma tista' teskludi li huwa qiegħed jiksibhom b'xejn mid-Dipartiment tas-Saħħa (ara f'dan is-sens ***Dax Fernandes v. Thomas Barr*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2024 u ***L-Avukat Dottor Jonathan Abela noe v. Maria Spiteri*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Marzu, 2024).

90. Fl-aħħar u mhux b'inqas, din il-Qorti rat li kemm fin-nota ta' sottomissjonijiet finali (f'paġni 700 sa 716 tal-atti tal-kawża), kif ukoll fil-prospett tad-danni (f'paġni 280 sa 298 tal-atti tal-kawża), l-attur naqas għalkollox milli jagħti xi ħjiel li huwa kien qiegħed jistenna lill-Ewwel Qorti sabiex tagħtih ukoll xi danni għal spejjeż futuri. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti jidhrilha li l-appellant lanqas ma mexa sewwa li ħalla s'issa biex iressaq dan l-argument fir-rikors tal-appell, għaliex b'hekk huwa jkun qiegħed iċaħħad lill-Kummissarju appellat mill-possibbiltà li jilqa' għal din it-talba billi jressaq dawk il-provi li jidhirlu li huma xierqa, kif ukoll mill-benefiċċju tal-eżami doppju.

91. Tħares minn fejn tħares it-tieni aggravju mhuwiex għalhekk mistħoqq.

92. Għalkemm iċ-ċaħda tat-tieni aggravju tfisser li din il-Qorti mhijiex sejra tkun qiegħda tillikwida xi danni oħra b'żieda ma' dawk li diġà ġew likwidati mill-Ewwel Qorti, l-ammont ta' danni li għandhom jiġu mħallsa mill-Kummissarju appellat xorta waħda għandhom jiżdiedu, u dan sabiex jirrifletti b'mod proporzjonat iż-żieda fil-grad li fih huwa sejjer ikun qiegħed jinsab responsabbli.

93. Hawnhekk ta' min jgħid li l-appellant ma ressaq l-ebda aggravju

dwar dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha l-Ewwel Qorti naqset l-ammont ta' €30,167.28 bħala pensjoni ta' diżabbiltà mit-total ta' danni fl-ammont ta' €65,385.22 bħala *lucrum cessans* u l-ammont ta' €3,282.06 bħala *damnum emergens* (ara paġna 26 tas-sentenza appellata).

94. Din il-Qorti għandha għalhekk idejha marbuta li timxi fuq l-ammont ta' €38,500, ([€65,385.22 + €3,282.06] - €30,167.28 = €38,500) u mhux fuq dak ta' €68,667.28 (€65,385.22 + €3,282.06 = €68,667.28).

95. Meta wieħed inaqqas is-somma ta' €38,500 b'mod proporzjonat mas-sehem ta' 50% li l-Kummissarju appellat sejjer ikun qiegħed jinżamm responsabbli, naslu għas-somma ta' €19,250 (€38,500 x 50% = €19,250). Il-Kummissarju sejjer għalhekk ikun qiegħed jiġi ordnat iħallas lill-attur is-somma ta' **€19,250**.

96. Sabiex l-affarijiet ikunu ċari, il-Qorti sejra tkun qiegħda tordna li l-imgħaxijiet fuq din is-somma tal-aħħar għandhom jibdew jgħaddu mid-data ta' din is-sentenza u mhux mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti. Dan għaliex l-ammont li l-Kummissarju sejjer ikun qiegħed jiġi kkundannat iħallas, xorta waħda żdied b'mod sinifikanti (ara ***Anthony Ellul v. Josef Aquilina*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Novembru, 2024).

97. Fl-aħħar nett u sa fejn għandu x'jaqsam mal-ispejjeż ta' din il-proċedura, il-Qorti bi tħaddim tal-**Artikolu 223(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, sejra tkun qiegħda tordna lill-attur appellant Malcolm Mifsud kif ukoll lill-konvenut appellat Kummissarju tal-Pulizija sabiex ibatu l-ispejjeż tagħhom u dan billi kif rajna, l-ewwel aggravju kien mistħoqq filwaqt li t-tieni wieħed ġie miċħud.

98. Sa fejn imbagħad għandhom x'jaqsmu l-ispejjeż tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, l-Enemalta plc u l-Kunsill Lokali tal-Floriana, li għoġobhom iwieġbu xorta waħda għal dan l-appell minkejja li l-appellant għamilha ċara li huwa ma kienx qiegħed jappella minn dik il-parti tas-sentenza li fiha dawn inħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju, il-Qorti wara li rat l-**Artikolu 144(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** tqis li skont il-liġi huma *«l-partijiet biss <u>li kontra tagħhom isir l-appell</u>»* li kellhom jippreżentaw tweġiba għal dan l-appell, u għaldaqstant sejra tkun qiegħda tikkundanna lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta, l-Enemalta plc u l-Kunsill Lokali tal-Floriana sabiex ibatu l-ispejjeż b'rabta mat-tweġiba rispettiva tagħhom għal dan l-appell (ara f'dan is-sens ***GO plc v. Schembri Infrastructures Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2023).

99. Fuq nota aħħarija, il-Qorti ma tarax li hemm lok għal xi tibdil fil-kap tal-ispejjeż b'rabta mal-proċedura ta' quddiem l-Ewwel Qorti. Kif ingħad,

l-appellant Malcolm Mifsud ma appellax minn dik il-parti tas-sentenza li fiha l-Ewwel Qorti ħelset lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta, lill-Enemalta plc, u lill-Kunsill Lokali Floriana milli jibqgħu aktar fil-kawża, u għaldaqstant jixraq li huwa stess jagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' dawn b'rabta mal-proċeduri ta' quddiem l-Ewwel Qorti.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tilqa'</u>** f'parti minnu l-appell tal-attur Malcolm Mifsud, u għalhekk qiegħda tirriforma s-sentenza appellata, billi:

(i) minflok issib lill-konvenut Kummissarju tal-Pulizija responsabbli għall-inċident tat-22 ta' Jannar 2009, fil-kwota ta' għoxrin fil-mija (20%) issibu responsabbli fil-kwota ta' ħamsin fil-mija (50%), u

(ii) minflok fl-ammont ta' €7,700, tillikwida d-danni mġarrba mill-attur fl-ammont ta' €19,250 u għalhekk tikkundanna lill-konvenut Kummissarju tal-Pulizija jħallas lill-attur Malcolm Mifsud l-istess somma ta' €19,250, bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sakemm isir il-ħlas effettiv.

Mill-bqija tikkonferma s-sentenza appellata sa fejn hija kompatibbli ma' din is-sentenza.

L-ispejjeż b'rabta mas-sentenza tal-Ewwel Qorti għandhom jibqgħu hekk kif deċiżi mill-Ewwel Qorti, filwaqt li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha b'rabta ma' din il-proċedura tal-appell. L-istess jgħodd għall-ispejjeż tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, l-Enemalta plc u l-Kunsill Lokali Floriana, li ma kellhomx iressqu tweġiba għal dan l-appell u għaldaqstant għandhom ikunu huma stess li jbatu l-ispejjeż relattivi tagħhom b'rabta ma' din il-proċedura.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss